**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 68**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Diċembru 2023 fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku (online)
Ralph Puli - Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Martina Grech – Kunsillier
George Muscat - Kunsillier

**ASSENTI**
Abigail Sammut – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**68.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 67, liema Minuti kienu ċċirkolati u meħuda bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati.

**68.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**68.2.1** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa b'awgurju lill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli u lis-Sinjura tiegħu li matul il-lejl ta' qabel kellhom twelid ġdid fil-familja.

**68.2.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill ippreżenta l-applikazzjoni ġdida quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar għax-xogħlijiet ta' restawr tal-Mitħna.

**68.2.3** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma l-applikazzjoni mressqa minn CenterParc ġiet approvata mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Is-Sindku ta' spjega ta' dak li ġie diskuss waqt is-Seduta tal-Awtorita' fejn kien jidher ċar li l-permess se jkun approvat u kien għalhekk li l-Kunsill talab li l-Planning Gain li normalment tingħata lill-Awtorita' tal-Ippjanar tingħata lill-Kunsill Lokali sabiex isiru proġetti fil-lokalita'. L-ammont tal-planning gain huwa ta' € 210,000.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa li huwa mportanti li l-Kunsill ikun ippreparat għaliex la jibda l-proġett se jinfetaħ attakk kontra l-Kunsill. Is-Sindku qal li l-applikazzjoni oriġinali kienet ġiet approvata minn Kunsilli preċedenti u l-Kunsill preżenti ma setax imur kontra deċiżjoni li ttieħdet fil-passat.

Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri qal li huwa mportanti li l-kuntratt li se jsir ikun ċar. Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri fakkar li suppost il-binja

li ttellgħet ħdejn CenterParc kellha tingħata għall-użu tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienet għaddiet kopja tal-MoU lid-Dipartiment għall-Gvern, fejn konna ġejna mistoqsija taħt liema titlu se tkun qed tiġi mgħoddija din il-binja. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li l-Kuntratt għall-użu tal-binja għandu jkun uzu frutt in perpetuim mhux interrott, għax il-Kunsill ma jmutx u tista' tinbidel id-destinazzjoni tal-in perpetium ad diskrezzjoni tal-Kunsill.

## 68.3 Diffikultajiet Finanzjarji tal-Kunsill

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** infurma li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ma tinsabx fi stat tajjeb. Fil-fatt mill-kolkoli li saru mis-Segretarju Eżekuttiv u kif ikkonfermat l-accountant tal-Kunsill, morna b' € 520,000 minn taħt. Dan għall-fatt li l-ispejjeż relatati mat-tipping fees splodew bid-doppju, ittieħed l-allokazzjoni ta' € 130,000 u skont il-kalkoli li saru mis-Segretarju Eżekuttiv, is-sena d-dieħla, jekk il-borża s-sewda ma titnaqqasx, l-ispiża relatata mat-tipping fees se tkun ta' madwar € 330,000. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li ntbagħtet l-informazzjoni dwar l-allokazzjoni fejn ingħatajna żieda ta' € 134,000, iżda l-allokazzjoni mogħtija xorta mhux tirrifletti l-bżonnijiet tal-lokalita'. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li se jkun qed jitlob laqgħa mad-Direttur Ġenerali ġdid dwar l-allokazzjoni.

## 68.4 Mozzjonijiet

Mozzjoni Nru 118 mis-Sindku Dr Josef Masini Vento

Nipproponi li l-impjegata Vanessa Edwards titla' fi Skala 15, issa li għaddew it-tlett snin ta' ħidma tagħha.

L-impjegata Edwards hija mpjegata validissima għall-ħidma tal-Kunsill fejn twettaq bosta xogħol relatat mal-ilmenti, preparamenti tal-attivitajiet, tieħu ħsieb il-formoli relatati ma' applikazzjonijiet ta' lampi ġodda u bosta xogħol ieħor. Dan minbarra l-imġieba rispettabbli tagħha lejn is-Superjuri tagħha u r-residenti Qriema.

Il-Kunsillier Daniel Ablett issekonda.

Ivvutaw seba' membri favur, ma kien l-ebda vot kontra u ma kien l-ebda astensjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li se jkun qed jintalab il-permess ta' Jobsplus sabiex il-Kunsill jimpjega General Hand fi skala 18, sabiex tassisti l-bżonnijiet tal-uffiċċju u tal-Librerja Reġjonali.

**68.5 Skeda ta' Ħlasijiet**

Is-Segretarju Ezekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2023.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill ilu minn Lulju ma jħallas il-kontijiet relatati mal-ġbir ta' skart u minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja mhux se jkun qed iħallas.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ppropona l-approvazzjoni tal-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ssekonda.

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**68.6 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**68.6.1** **Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa x'ġara fl-inċident ta' Triq il-Ħelsien, Is-Sindku nfurma li kien hemm inċident tat-traffiku fejn vettura baqgħet dieħla f'parapett ta' residenza privata u għall-grazzja t'Alla dak il-ħin ma kien hemm ħadd għaddej minn fuq il-bankina.

**68.6.2** Il-Kunsillier Ralph Puli staqsa hux possibbli tiġi nstallata speed camera. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill ma jinstallax speed cameras, iżda tali jiġu nstallati minn LESA wara studju li jsir apposta.

Il-Kunsillier Daniel Ablett infurma li r-residenti qed jitolbu li tiġi nstallatha road hump. Il-Kunsillier Carmel Cuschieri qal li infurzar

hemm bżonn fil-lokalita' għaliex road hump fiz-zona diġà hemm. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li jekk ir-residenti jixtiequ li ssir road hump huma mitluba jippreżentaw petizzjoni ffirmata flimkien ma ritratt immarkat fejn qed jissuġġerixxu li tiġi nstallata.

Il-Kunsillier Ralph Puli ppropona li ssir talba għall-iSpeed Camera u ninfurmaw lir-residenti bl-azzjoni li ttieħdet mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Ralph Puli semma' l-kwistjoni ta' sewqan perikoluż fi Triq San Bartolomew u Triq il-Vitorja.

**68.6.3** Il-Kunsillier Carmel Cuschieri ippropona li l-Kunsill jitlob laqgħa ma Transport Malta sabiex jiġu diskussi dawn il-kwistjonijiet u tiġi diskussa wkoll it-talba li kienet tressqet mill-Kunsill għal Traffic Management adegwat fi Pjazza Federico Maempel.

**68.6.4** Il-Kunsillier Daniel Ablett staqsa meta se ssir repaint ta' road hump fi Triq il-Vitorja u r-repaint tar-road markings fi Triq id-Deheb Fin. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dawn se jkunu qed jiddaħħlu fil-programm ta' xogħlijiet tal-ħaddiema.

**68.6.5** Il-Kunsillier Marvin Zammit infurma li fi Triq l-Għadira hemm mina anika u r-residenti qed jitolbu li jsir rain water culvert, minn Triq Dun Rene Cilia għal Triq l-Għargħar, bl-ilma tax-xita jinżel fil-mina in kwistjoni.

**68.6.6** Il-Kunsillier Doris Zammit infurmat li Triq Ġorġ Agius qed tisfronda, filwaqt li fi Triq Spiteri Fremond hemm parti mill-bankina qed tisfronda wkoll. Infurmat ukoll li fi Triq Ġuze Galea hemm il-bankina kollha mkissra quddiem residenza partikolari.

**68.6.7** Il-Kunsillier Doris Zammit infurmat li qabel il-festi tal-Għid il-Kbir se tinħareġ l-aħħar edizzjoni tal-ġurnal Id-Dielja u talbet lill-membri jippreparaw artiklu ta' mhux aktar minn 250 kelma, liema artiklu għandu jintbagħat sa mhux aktar tard mis-Sibt 20 ta' Jannar.

**68.6.8** Il-Kunsillier Doris Zammit infurmat li fl-aħħar edizzjoni se tkun qed tiġi ppublikata l-lista tal-funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali għaliex ħafna residenti lanqas jafu x'jagħmel il-Kunsill Lokali.

**68.6.9** Il-Kunsilier Ralph Puli ppropona li tiġi ppubblikata wkoll l-attendenza tal-membri għaliex mhux sewwa li għandek membri li jaħdmu u oħrajn le.

**68.7** **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 30 ta' Jannar 2024.

Konfermati, 30 ta' Jannar 2024.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr)<br>Sindku | Karen Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |